**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 24 - IT-TLIETA 9 TA' NOVEMBRU 2010**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:43pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku (waslet fit-19:55pm) |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier (wasal fit-20:00pm) |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* BIĊ |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm membri tal-pubbliku preżenti. | |

**1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Hekk kif bdiet il-laqgħa s-SE appella lill-Kunsillieri biex jaċċertaw li ma jinħeliex ħin f'diskussjonijiet li ma jkunux relatati għaliex, għalkemm l-aġenda tidher qasira, hemm ħafna xogħol xi jsir.

1.2. Il-Kunsillier Brincat ippropona li appena tasal is-Sindku jibdew jiddiskutu l-offerti minħabba fl-importanza tagħhom.

1.3. Meta l-Kunsill għadda biex jikkunsidra l-minuti l-Kunsillier Galea informa li l-isem f'para. 8.8 kellu jaqra 'Clayton' u għalhekk saret l-emenda meħtieġa.

1.4. Il-Kunsill imbagħad approva l-minuti bl-emenda msemmija u għalhekk ġew iffirmati mis-SE u mill-Viċi Sindku.

1.5. Il-Kunsillier Brincat informa li dwar para' 2.4 kien għad ma kellux informazzjoni.

1.6. Il-Kunsillier Brincat staqsa dwar is-suġġett imsemmi f'para 4.8 fejn is-SE spjega l-proċess meħtieġ.

1.7. F'dan il-ħin waslet is-Sindku. Il-ħin kien it-19:55.

1.8. Is-Sindku infurmat li xtaqet tressaq emenda fil-minuti iżda kienet infurmata li l-minuti kienu diġà approvati.

1.9. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Bonello. Il-ħin kien l-22:00.

## 2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

2.1. Is-Sindku infurmat li kienet inqalet kwistjoni fuq *bookings* ta' stalls għall-attività tal-Milied  Hija pproponiet li jissejħu dawk bil-problema u titla' polza bejniethom.  Is-SE kien mitlub jara kif tissolva l-problema.

2.2. Is-SE informa li ż-żjara tal-Onor Dr Said se ssir fid-29 ta' Novembru.

2.3. Is-Sindku semmiet l-ikla annwali għal-anzjani.  Hija se tindaga jekk hux possibli li ssir fit-18 ta' Diċembru f'nofsinhar u tagħmel l-arranġamenti meħtieġa mad-Dar Sagra Familja minħabba l-ikel.

2.4. Is-Sindku infurmat li kien hemm diffikultajiet fuq l-ordni tad-dawl miċ-Ċina u għalhekk l-ordni se tiġi posposta.  Madanakollu kienu se jsiru blalen bid-dawl mill-ħaddiema tal-Kunsill.  Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami pproponiet li jinxtara d-dawl għas-siġra tal-Milied li hemm imħawwla fil-ġnien fi Triq tal-Labour.  Il-Kunsill approva.  Il-Kunsill qabel ukoll li jordna x-xogħol ta' toqob ġodda fi Triq tal-Labour.

2.5. F'dan il-ħin il-Kunsillier Brincat ippropona li Josette Micallef għandha terġa tibda tidħol għal-laqgħat tal-Kunsill ħalli s-SE ikollu l-għajnuna meħtieġa.  Il-Kunsill qabel.

2.6. Is-Sindku tkellmet fuq l-ikla tal-Milied għall-Kunsillieri u l-istaff biex jekk il-Kunsill huwa interessat jibda l-proċess tal-istimi eċċ.  Kien hemm qbil li din l-ikla ssir nhar is-Sibt 18 ta' Diċembru filgħaxija.

2.7. Il-Kunsillier Sammut informa  li l-attività ambjentali f'San Luċjan kienet suċċess u kien hemm 70 persuna li bbukkjaw.  Il-Kunsill qabel fl-involviment tal-i*scouts* f'din l-attività wkoll.

2.8. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami infurmat li kienet bdiet il-proċess għad-Direttorju tan-negozji u li kienet qed tipproponi li jkun hemm daħla b'messaġġ mis-Sindku u wieħed tagħha.  Il-Kunsill qabel.

## 3. ĦLAS TA' KONTIJIET U RENDIKONT TA' DĦUL GĦAX-XAHAR TA' OTTUBRU

3.1. Qabel ma tressqet il-lista ta' pagamenti is-SE ġibed l-attenzjoni tal-Kunsillier Brincat li kienet inġiebet għall-attenzjoni tiegħu li huwa (il-Kunsillier Brincat) kellu sehem f'kumpanija li qed toffri prodotti lill-Kunsill u li infatti kien qiegħed jitressaq l-approvazzjoni ta' ordni mingħand din il-kumpanija bħala parti mil-lista tal-ordnijiet. Huwa fakkar li kull Kunsillier huwa obbligat li jinforma lis-SE u jiddikjara fil-laqgħa l'interessi/ishma li jkollhom f'kumpaniji kummerċjali.  Il-Kunsillier Brincat iddikjara li għandu sehem minuri fil-Kumpanija BMV.

3.2. Imbagħad il-Kunsill approva l-lista ta' ħlasijiet kif annessa f'A.  Din tinkludi wkoll ir-rendikont tad-dħul għax-xahar t'Ottubru.

3.3. Il-Kunsill approva wkoll il-lista' ta' ordnijiet li saru fix-xahar ta' Ottubru.  Din hija annessa f'B.

## 4. L-OFFERTI

4.1. Il-Kunsill qabel li immedjatament jibda jiddiskuti l-offerti.

4.2. **Servizz ta' Accountant**:- Il-Kunsill unanimament qabel li ssir laqgħa mal-offerent Amanda Grima u jekk din taċċetta li l-offerta tagħha torbotha għal servizz ta' sena u mhux mas-siegħat, u jekk jinstab li hija tista' toffri servizz tajjeb, il-Kunsill jaċċetta l-offerta tagħha.  Il-Kunsill qabel għalhekk li ssir laqgħa magħha.

4.3. **Servizz ta' tindif ta' toroq mhux urbani**: - il-Kunsill unanimament għażel dik li kienet l-irħas offerta mingħand Charles Mifsud.

4.4. **Servizz ta' ġbir ta' skart goff**: - Il-Kunsill unanimament għażel dik li kienet l-irħas offerta mingħand Euroclean.

4.5. **Servizz ta' tindif tal-uffiċini u l-latrini**: - Il-Kunsill iddiskuta dawn iż-żewġ offerti flimkien minħabba li l-offerenti kollha kellhom l-opportunità li jagħmlu offerta konġunta għalkemm mhux l-offerenti kollha għażlu li jagħmlu dan. Il-Kunsill għalhekk beda jagħmel il-kalkoli u sab li jekk jagħti l-offerta konġunta lil Ricky Caruana jkun jaqbillu finanzjarjament. Il-Kunsill għalhekk qabel li ssir laqgħa mas-Sur Caruana biex jistabilixxi jekk hux qed jifhem eżatt x'inhu meħtieġ mill-Kunsill. Kien hemm qbil ukoll li għandu jibda l-proċess biex il-latrini jkunu rranġati minħabba fl-istat ikrah li jinsabu fih.

4.6. **Servizzi ta' kura u manutenzjoni tal-ġonna**: - Meta l-Kunsill għadda biex jiddiskuti s-servizz tal-kura tal-ġonna tqajjmu punti dwar is-servizz preżenti minħabba li l-irħas offerent kien ELC, li propju kien qiegħed iwettaq is-servizz. Dwar dan is-servizz tqajjmu diversi ilmenti fosthom mingħand il-Kunsillier responsabbli Muscat Fenech Adami fejn semmiet li hija spiss iddur il-ġonna però jkollha problemi li kull darba tkun trid tiġbed l-attenzjoni hi biex tkun irranġata s-sitwazzjoni. Is-Sinj. Cuomu ukoll ilmentat minn Baħar iċ-Ċagħaq u ddeskriviet is-sitwazzjoni bħala waħda diżastruża. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li l-offerta ta' ELC m'għandiex tkun ikkunsidrata u għalhekk għandha ssir laqgħa mat-tieni l-irħas offerent li kien Agriculture Co-op. F'dan il-ħin is-Sindku pproponiet li xorta l-Kunsill għandu jiltaqa' ma' ELC wkoll iżda l-Kunsill ma qabilx.

4.7. **Stampar tal-fuljett tal-Kunsill**: - Il-Kunsill unanimament qabel li dawk li ma ssottomettewx il-*bid bond* għandhom ikunu skwalifikati. Kien rakkomandat li, minħabba li kien għad fadal biss offerta waħda valida, u minħabba li fil-passat il-Kunsill kellu xi problemi bis-servizz, l-offerti għandhom jaqgħu u joħorġu mill-ġdid. Dwar dan però kien hemm xi oġġezzjonijiet fejn intqal li jista' jkun hemm każ legali. Issemma wkoll li allura l-Kunsill jista' jgħid lil din il-kumpanija biex ma titfax aktar offerti. Għalhekk, fuq proposta tal-Kunsillier Brincat il-Kunsill qabel li jittieħed parir legali jekk dan jistax isir.

4.8. **Servizzi legali**: - Il-Kunsill ikkunsidra l-offerti filwaqt li unanimament qabel li l-irħas offerta, dik mingħand l-avukat li qed joffri s-servizzi fil-preżent lill-Kunsill, ma tkunx aktar ikkunsidrata minħabba li s-servizz offrut ma kienx skont kif jixtieq il-Kunsill. Il-Kunsill għalhekk qabel li ssir laqgħa mat-tieni u t-tielet l-irħas offerenti li kienu AMJ Legal u Dr Claudio Zammit.

4.9. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li l-offerti għat-tindif tat-toroq ikunu diskussi f'laqgħa oħra minħabba li kien qiegħed isir il-ħin.

## 5. IR-RAĦAL FIL-MILIED

5.1. Il-Kunsill għadda biex jiddiskuti l-attività tal-Milied.

5.2. Is-Sindku infurmat li qed tipprova ġġib reklam minn Med Bank.

5.3. Il-Kunsillier Galea informa li Charles Attard kien qiegħed jikkunsidra li jesebixxi xi biċċa xogħol ta' arti f'post prominenti. Huwa semma wkoll li qed jipprova jikkuntattja lil tal-Monti biex jarmaw fi Triq il-Parroċċa. Huwa qiegħed ukoll jistenna mingħand Ino Bonello dwar il-presepju ħaj iżda jinsab imsiefer u jkun Malta ġimgħa oħra.

5.4. Il-Kunsillier Galea informa li Clayton Xuereb kien qiegħed jitob il-permess biex jarma stall quddiem Yorkdale biex jiġbor fondi għall-SPCA. Il-Kunsill qabel li jarma mingħajr ma jħallas xejn.

5.5. F'dan il-ħin il-Kunsillier Bonello talab li jkun skużat. Il-ħin kien l-22:25.

**6. AĠĠORNAMENT**

6.1. Qabel ma l-Kunsill aġġorna kien hemm qbil li ssir il-laqgħa tal-lokalità nhar il-Ħamis 16 ta' Diċembru fis-19:30. Il-Kunsill qabel li jkun ippreparat filmat bil-ħidma tal-Kunsill matul is-sena.

6.2. Il-Kunsill qabel li jkompli b'din il-laqgħa it-Tlieta 23 ta' Diċembru.

6.3. Il-laqgħa ġiet aġġornata fil-10:47.

**KONTINWAZZJONI TAL-LAQGĦA - IT-TLIETA 23 TA' NOVEMBRU 2010**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier (wasal fit-7:45pm) |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* BIĊ |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm membri tal-pubbliku preżenti. | |

Hekk kif bdiet il-laqgħa l-Viċi Sindku informa li l-Kunsillier Bonello kien infurmah li se jasal tard. Immedjatament wara l-Kunsill qal talba għal ruħ omm il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami li kienet mietet ftit jiem qabel.

**7. L-OFFERTI**

7.1. Hawnhekk daħal il-Kunsillier David Bonello. Il-ħin kien 19:45pm.

7.2. Is-SE ta direzzjoni lill-Kunsill dwar xi tibdil fil-liġi li kien sar madwar sena ilu fejn kien hemm proċedura aktar stretta li l-Kunsill kellu jsegwi speċjalment fejn jidħlu appelli. Huwa rrefera wkoll għal diskors li għamel l-Onorevoli Chris Said ġurnata qabel fejn informa li sakemm ma jkunx hemm raġuni valida, il-Kunsilli huma dejjem obbligati li jagħżlu l-irħas offerta.

7.3. Kuntratt għas-**servizz ta' accountant**:- Wara li kienet saret laqgħa mal-*accountant* li offriet l-irħas offerta u kien stabbilit li tista' toffri servizz tajjeb il-Kunsill unanimament ikkonferma l-offerta ta' Amanda Grima.

7.4. Il-Kunsill għadda biex jiddiskuti l-offerta tat-**tindif tal-uffiċini u tal-latrini**. Is-Sindku infurmat li kienet saret laqgħa mal-offerent Ricky Caruana u ġie stabbilit li jista' jwettaq ix-xogħol kif mitlub mill-Kunsill. **Il-Kunsill għalhekk b'mod unanimu għażel**

**l-unika offerta konġunta li, meta qies il-kalkoli kollha sab li globalment kienet l-aktar waħda rħisa**.

7.5. Il-Kunsill għadda imbagħad biex jiddiskuti l-offerti tal-**manutenzjoni tal-ġonna**. Is-Sindku infurmat li kienet saret il-laqgħa mal-offerent Agriculture Co-op fejn kollox kien jindika li kapaċi jwettqu s-servizzi kif mitluba. **Wara li l-Kunsill b'mod unanimu qies li l-offerent li tefa' l-irħas offerta, u li kien qiegħed joffri s-servizzi għal dawn l-aħħar snin, ma kienx qiegħed joffri servizzi sodisfaċenti, il-Kunsill ma kienx f'pożizzjoni li jikkunsidrah aktar għall-għoti tal-offerta. Wara evalwazzjoni il-Kunsill għażel it-tieni l-irħas offerta u ċoè dik ta' Agriculture Co-op**.

7.6. Is-SE informa li, kif kien mitlub, ħa parir mingħand l-avukat tal-Kunsill dwar jekk jistax jikkanċella l-offerti tal-**Pubblikazzjoni tal-Fuljett**. Wara li kien ikkonsulta mas-Sindku huwa kien ħa l-opportunità biex jagħmel *test case* ukoll liż-żewġ avukati *shortlisted* u b'hekk il-Kunsill ikollu l-aħjar parir possibli. Skont il-pariri legali li kellu l-Kunsill, seta' liberalment jikkanċella l-offerta mingħajr drittijiet ta' appell u għalhekk, b'ħames voti kontra erbgħa, **wara li l-Kunsill kien diġà elimina tlieta mill-erba' offerenti minħabba li ma ssottomettewx il-garanzija bankarja kif mitlub, il-Kunsill ma kienx f'pożizzjoni li jagħti l-offerta lir-raba' offerent minħabba li l-għażla saret ristretta u peress li fil-passat, kuntratt li l-Kunsill kellu mal-istess offerent kellu jitwaqqaf minħabba li ma kienx kuntent bis-servizz.**

7.7. Dwar l-offerti għas-**Servizi Legali** il-Kunsill, apparti l-parir li kien ittieħed bħala *test case*, intervista liż-żewġ offerenti li matul il-laqgħa ta' qabel kienu dikjarati li l-aktar li kienu ta' interess għall-Kunsill. Lit-tieni l-irħas il-Kunsill ma ntervistaħx minħabba li kien diġà qed joffri s-servizzi legali lill-Kunsill għal dawn l-aħħar snin filwaqt li l-Kunsill kien diġà ddikjara li ma kienx daqstant sodisfatt minn dan is-servizz. **Wara li l-Kunsill qies l-andament tal-intervista u l-mod kif irreaġixxew għat-*test case*, b'mod unanimu kien hemm qbil li AMJ Legal kienu superjuri fil-kwalità tas-servizz u għalhekk il-Kunsill għażel lilhom.**

7.8. **Tindif ta' Żoni Urbani**: Is-SE preżenta l-prezzijiet varji u fakkar lill-Kunsill li seta' jew jagħżel kuntrattur wieħed għaż-żoni kollha inkella aktar minn kuntrattur wieħed għaż-żoni varji. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jiltaqa' ma' Christian Galea u Euroclean minħabba li kienu l-irħas tnejn rispettivament. Il-Kunsillier Sammut qal li huwa kien indaga fuq iż-żewġ kuntratturi, b'mod speċjali l-irħas wieħed, Christian Galea, u kellu *feedback* pożittiva ħafna dwaru. Fil-fatt kellu anke konfermi mill-Kunsilli li ħadem magħhom dwar is-serjetà fix-xogħol tiegħu u anke dwar il-makkinarju.

7.9. **Kostruzzjoni ta' Bankini:** Is-SE informa li kien niżżel tul ta' bankina fittizja sabiex kull offerent ikun jista' jagħmel l-offerta tiegħu fuq l-istess bażi. L-irħas offerti kienu skont din l-ordni: Polidano Brothers, Vella Group, Brian Construction, Ricky Caruana u Char Construction. Kien hemm qbil li minħabba li l-Kunsill diġà kellu esperjenza ħażina ma' Polidano Brothers fir-rigward ta' traqqiegħ maġġuri fi Triq il-Fortizza tal-Mosta m'għandux jibqa' jitqies għal dawn l-offerti. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jiltaqa' ma' Vella Ltd u jekk jinstab li dan jista' jwettaq is-servizzi kif jixtieq il-Kunsill dan għandu jingħata l-offerta.

## 8. IR-RAĦAL FIL-MILIED

8.1. Is-Sindku talbet lil kull kunsillier sabiex jagħti rapport lura dwar ix-xogħlijiet li kellu jagħmel fir-rigward tal-attività.

8.2. Il-Viċi Sindku informa li kien ikkuntattja lil PBS, lil NET TV u Radio 101 u kollha kienu offrew numru ta' intervisti għas-Sindku sabiex issir pubbliċità qabel l-attività. Kien tkellem ukoll mal-Vodafone u Go iżda dawn infurmawh li ma kellhomx aktar finanzi għal riklamar. Fir-rigward ta' PING ma kienx possibli li jidħlu għal sponsor minħabba li ħabtitilhom ma' attività oħra. Huwa informa wkoll li kien beda jiġbor xi riklami u li kien lest li jkompli jdur għal aktar mal-Kunsilliera Muscat Fenech Adami. Kien għamel tentattiv ukoll ma' Magro Brothers iżda ma setgħux joffru reklami.

8.3. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami infurmat li kienet ġabret xi riklami wkoll iżda jidher li l-maġġorparti tas-sidien tal-ħwienet ma kinux interessati f'riklami għall-Kunsill. Ikkonfermat li kienet tkellmet ukoll ma' ITS u 34U li kkonfermaw il-parteċipazzjoni.

8.4. Il-Viċi Sindku informa wkoll li kien ġab kwotazzjoni għal tinda biex titpoġġa minn ħdejn il-Yorkdale sal-Pjazza u fejn il-prezz kien inqas mill-kwotazzjoni li diġà nġabet. Kien hemm qbil iżda li din tista' ttellef mid-dawl tal-Milied u għaldaqstant mhux se tiġi ordnata.

8.5. Il-Kunsillier Sammut informa li kien qed jipprova jġib xi offerti ta' skontijiet speċjali għar-residenti għall-kostumi tal-Milied iżda min-Naxxar jidher li ma kien hemm ħadd interessat. Sadanittant kien qed jistenna risposta mingħand ħanut ieħor minn barra l-lokalità li forsi seta' kien interessat.

8.6. Il-Kunsillier Gatt informa li huwa kien lest li jgħin iżda ma kienx ingħata l-ebda direttiva jew xogħol x'jagħmel.

8.7. Il-Kunsillier Brincat informa li huwa kien se jieħu ħsieb jgħin fl-armar iżda talab informazzjoni ta' meta u x'hemm bżonn isir. Is-SE wegħdu li kif ikollu d-dettalji jgħaddilhom l-informazzjoni.

8.8. Is-SE informa li l-armar tal-Milied diġà kien beda jintrama. Kien hemm xi ġranet meta l-*handymen* tal-Kunsill kienu se jidħlu fil-ħin ta' wara x-xogħol tagħhom u jpattu għall-ħin bit-*time off*. Huwa informa iżda li kien hemm ġranet meta biex isir ix-xogħol kien se jkun hemm bżonn ta' erba' persuni. Hawnhekk il-Viċi Sindku Sciberras, u l-Kunsillieri Gatt, Brincat u Sammut offrew il-ħin tagħhom flgħaxijiet u fil-*weekends*.

8.9. Il-Kunsillier Bonello informa li huwa kien se jkun imsiefer għal ġimgħa sħiħa u għaldaqstant ma setax jagħmel ix-xogħol fuq ir-riklamar. Huwa informa li sadanittant kien irranġa appuntament mal-Onorevoli Said sabiex jattendi għal konferenza stampa dwar l-attività. Għamel kuntatt ukoll mal-Prim Ministru sabiex jattendi għall-attività.

8.10. Hawnhekk is-SE informa li l-konferenza stampa kienet se ssir nhar is-7 ta' Diċembru eżatt wara li jiġu inawgurati l-pannelli fotovoltajċi mill-Onor Chris Said.

8.11. Is-SE informa wkoll li r-riklami fuq it-*Times online* kienu kollha bbukkjati. Għaldaqstant il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li għandna nippruvaw nagħmlu reklami fuq *Malta Today online*. Il-Kunsill approva l-pjan ta' reklamar li ħejja s-SE.

8.12. Is-Sinj. Cuomo talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jitpoġġa xi dawl dekorattiv tal-Milied fiż-żona ta' BIĊ. Il-Kunsill qabel u għaldaqstant għandhom isiru l-arranġamenti biex titpoġġa kaxxa tad-dawl u xi armar milli għandu l-Kunsill.

8.13. Il-Kunsillier Galea informa li kienet saret laqgħa mar-rappreżentanti tal-Banda Peace biex jintrama l-planċier tal-festa. Ma nstabitx oġġezzjoni iżda kienu se jikkonfermaw dan. Kien qed jistenna wkoll risposta mingħand il-Każin tal-banda Stella Maris għal palk ieħor kif suġġerit mill-Banda Peace. Kien hemm qbil li l-*brass band* tal-Peace għandha ddoqq fi Triq Santa Luċija filwaqt li l-*clarinet band* iddoqq fi Pjazza Castro, viċin tal-presepju ħaj. Il-Banda Vittorja kienet se ddoqq fuq iz-zuntier. Huwa informa wkoll li mhux se jkun hemm *display* ta' vetturi għaliex dakinhar hemm attività oħra ta'

Paqpaq. Huwa kien ipprova jikkuntattja lil Ino Bonello dwar il-Presepju Ħaj iżda kien għadu ma kellmux lura.

8.14. Is-SE kien bagħat email lill-Astra Folk Group għal kwotazzjoni. Il-*Wild Strength Dancers* kienu bagħtu kwotazzjoni ta' €350 u din ġiet aċċettata mill-Kunsill.

8.15. Is-SE informa li ma kienx għadu ġab kwotazzjonijiet mingħand tad-dawl u *sound* minħabba li ma kellux biżżejjed informazzjoni fuq x'hiex jimxi.

8.16. Is-SE informa wkoll li kienet ġiet ikkonfermata t-*train* Pepprina biex iddawwar lin-nies madwar in-Naxxar.

8.17. Meta ġie mistoqsi dwar il-finanzi, is-SE informa wkoll li l-Kunsill kien għadu kif ġie mgħoddi €27,000 mill-ħlasijiet ta-ċitazzjonijiet. €20,000 kienu diġà bbaġittjati bħala dħul u għalhekk ma setgħux jitnaqqru. Madanakollu dan id-dħul ħalla €7,000 li setgħu ikunu vvutati fuq xi ħaġa oħra. Is-SE informa wkoll li l-Kunsill kien franka l-flus fuq it-tpoġġija tal-*billboards*. Dan għalhekk ippermetta lill-Kunsill li japprova l-pagament sabiex tinġieb il-banda *Big Friends Guggen Musik* għal sagħtejn għalkemm kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jitlob riduzzjoni fil-prezz. Il-Kunsill ħalla dan f'idejn is-SE filwaqt li awtorizzah li jikkonferma skont kif jaħseb l-aħjar wara li jindaga xi prezzijiet iżommu lil ħaddieħor.

8.18. Is-SE informa li d-dawl tal-Milied possibilment kien se jinxtegħel nhar l-1 ta' Diċembru sabiex jitgawda għall-perijodu kollu tal-festi.

8.19. Is-SE fakkar li qed isir dak kollu possibli biex dakinhar tal-attività jkun hemm ukoll l-inawgurazzjoni tal-websajt tal-Kunsill.

8.20. Ġie infurmat ukoll li Palazzo Parisio se jkun miftuħ għall-pubbliku għal €2 kull persuna.

8.21. Victor Mula, wieħed mill-*handymen*, kien se jieħu ħsieb jagħmel numru ta' fanali bħalma nġiebu s-sena ta' qabel biex tiżżejjen Triq Santa Luċija.

8.22. Il-Kunsillier Galea informa li kien tkellem mar-rappreżentant tal-monti u dan infurmah li l-bejjiegħa tal-Belt ma setgħux jattendu filwaqt li ta' Marsaxlokk kienu għadhom ma tawhx risposta. Huwa informa wkoll li l-persuna li kienet ħadet ħsieb is-sett tal-presepju ħaj is-sena l-oħra għadha ma kellmitux lura dwar x'se jiġri din is-sena. Huwa informa li għandu bżonn ukoll l-annimali għall-istess presepju ħaj. Il-Kunsillier Galea informa wkoll li tnejn mill-ħwienet fi Triq il-Kbira kienu avviċinawh biex jieħdu ħsieb jorganizzaw tieġ żgħir tal-Milied. Is-Sindku kkonfermat li kienet tkellmet magħhom hija wkoll u kkonfermat li se jsir.

8.23. Kien hemm qbil li s-Sindku u l-Kunsillier Galea għandhom jiltaqgħu mar-rappreżentanti tal-korijiet u possibilment ukoll maż-żewġ għarajjes li kienu se jtejjġu dakinhar tal-attività fin-Naxxar.

8.24. Hawnhekk il-Kunsillier Bonello skuża ruħu mil-laqgħa. Il-ħin kien l-21:45pm.

8.25. Is-Sindku infurmat li kienet tkellmet mal-*Maypole Bakeries* filwaqt li GS Supermarket kien offra €100 u numru ta' *Disney characters* għal waqt l-attività. Hija u l-Kunsillier Galea kienu wkoll se jippruvaw jiltaqgħu mal-Arċipriet minħabba li xtaq jagħmel *stall* fuq iz-zuntier u biex jikkonfermaw il-quddiesa tal-11am.

8.26. Is-Sindku kienet ukoll tkellmet ma' Speranza Xuereb biex tagħmel xi kuntatti ħalli jkun hemm wirjiet fil-bini tal-Kunsill.

8.27. Hawnhekk skuża ruħu mil-laqgħa l-Kunsillier Brincat. Il-ħin kien l-21:50pm.

8.28. Il-Kunsillier Galea kien se jikkuntattja lill-ħwienet tal-fjuri sabiex jara min seta' jipprovdi xi *poinsiettas* biex inżejnu bihom.

8.29. Kien hemm qbil li għandha tintalab tinda lill-I*scouts* sabiex ikun jista' joqgħod fiha Santa Klaws. Din għandha titpoġġa fi Triq Santa Luċija.

## 9. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

9.1. Il-Kunsill kien imfakkar li għandu stedina għal bibita tal-Milied tal-Kumitat Konġunt għall-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2010 fis-7pm.

9.2. Is-Sindku infurmat li dwar l-ikla tal-Milied tal-Kunsll kienu nġiebu numru ta' kwotazzjonijiet. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħżel ir-ristorant *Essence* fil-Lukanda *Radisson Blue Golden Sands*.

9.3. Hawnhekk il-Kunsillier Galea skuża ruħu. Il-ħin kien l-22:10pm.

9.4. Il-laqgħa spiċċat fl-22:15pm mingħajr ma kienet stabbilita data għal-laqgħa li jmiss.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

**A**

**Lista ta' Pagamenti - Laqgħa Nru.24**

| **Supplier** | **Description** | **Invoice No** | **Ammount** |
|---|---|---|---|
| Alfred Palma | Books for Library | | €20.00 |
| Anthony Galea | Various Metal Works | 6133218 | €565.00 |
| Archway Ironmongery | Hardware Goods | 31028 | €227.29 |
| Calleja Ltd | Light Globe | 212767 | €38.49 |
| Carmen Zahra | Refund of Line Dancing Course | | €25.00 |
| Cleansing Services Dept. | Cleaning & attendance of Public Conveniences - October 2010 | 100507 | €889.34 |
| Clint Muscat | Tower Ladder Service (AHC Banner) | 47 | €25.00 |
| ELC | Works carried out during October 2010 | 6650 | €3,365.46 |
| Galea Curmi Engineering Consultants | Contract Manager Fee October 2010 | 2369 | €272.54 |
| J. Lautier Co. Ltd. | Galvanized Iron Tube | 79375 | €23.69 |
| Jurgen Attard | Football Ground Guardian October 2010 | 1156667 | €128.70 |
| Leo's Garage Paramount | Transport Services - October 2010 | 22974 | €100.18 |
| Leo's Garage Paramount | Transport Services - October 2010 | 23028 | €135.00 |
| Manwela Mallia | Refund of Line Dancing Course | | €50.00 |
| Melita plc | TV Services - November 2010 | 29500736 | €2.40 |
| Melita plc | Telephony Service - November 2010 | 29500205 | €16.16 |
| Mica Med Ltd | Works @ Playing field & Gnien l-Imhalla | 10 | €273.36 |
| MITA | Email accounts July - September 2010 | 23912 | €54.78 |
| Petty Cash | Petty Cash - October 2010 | 27/10/2010 | €232.46 |
| Ricky Caruana | Reimbursement for Request for Compliance Certificate from MEPA for Triq in-Nahal | | €60.00 |
| Scan Computers | 19" Monitor | 2417653 | €133.00 |
| Smart Supermarket | Conference expenses (refreshments etc) | 240325685 | €92.56 |
| Vincent Mifsud Ltd | Electric items for Christmas street lighting | 140745 | €448.63 |
| Council staff | Salaries for October + remuneration for Mayor | | €7,497.40 |
| **TOTAL:** | | | **€7,179.04** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **NLC Income - October** | - | | - |
| Course Fees | - | - | €1,640.00 |
| Cultural Activities | | | €75.00 |
| Hire of Football Ground | | | €28.00 |
| Skip Permits | | | €46.41 |
| Crane Permits | | | €533.91 |
| Kiosk Permit | | | €186.32 |
| Outside Activity Permits | | | €0.00 |
| Deposit of Material, Scaffolding etc. | | | €434.42 |
| Hire of Hall | | | €46.60 |
| Permit for Placing Tables & Chairs | | | €0.00 |
| Payments for Damages | | | €0.00 |
| Documents/Information Charges | Tender Documents, etc | | €1,290.00 |
| Advertising | | | €0.00 |
| Trenching Permits | | | €16.31 |
| Contractor's Guarantees | Refundable | | €1,281.47 |
| Nursing Services | | | €1,460.46 |
| Payment for Street Lamp | | | €280.00 |
| Others | Parking Clocks, Naxxar Booklet, etc | | €84.24 |
| | | | **€7,403.14** |

# B

**Lista ta' Purchase Orders - Ottubru 2010 - Laqgħa Nru. 24**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 01/10/2010 | 3406 | Ricky Caruana | Balustred Fence | €1,400.00 |
| 01/10/2010 | 3407 | Archway Ironmongery | Tavli, msiemer | €41.50 |
| 04/10/2010 | 3408 | Archway Ironmongery | Plier, cutter, mazza, skalpell, tester, kazzola | €20.16 |
| 05/10/2010 | 3409 | Spiral Design Ltd | Design and printing of bring in site signs for BIC | €206.50 |
| 06/10/2010 | 3410 | Archway Ironmongery | Letterbox/Suggestion box for BIC | €37.60 |
| 07/10/2010 | 3411 | Impressions | 2 Rubber stamps | €44.92 |
| 06/10/2010 | 3412 | Archway Ironmongery | Varnish paint | €19.70 |
| 13/10/2010 | 3413 | Zahra Enterprises | Drip Irrigation Pipe, valves, elbows, tees, etc. | €146.50 |
| 13/10/2010 | 3414 | Scan Computers | KVM Switch | €47.00 |
| 14/10/2010 | 3415 | Archway Ironmongery | Ramel u cement | €19.78 |
| 14/10/2010 | 3416 | Archway Ironmongery | Zrar | €6.00 |
| 14/10/2010 | 3417 | La Buona Dolceria | Food - A, H & C Exhibition 2010 | €198.54 |
| 18/10/2010 | 3418 | CDA Ink + Toner Ltd. | Toner for Printers | €233.90 |
| 19/10/2010 | 3419 | J & S Ironmongery | Electrical Tape | €28.00 |
| 19/10/2010 | 3420 | Archway Ironmongery | Marine plywood | €252.00 |
| 19/10/2010 | 3421 | Archway Ironmongery | White rubber holders | €67.00 |
| 21/10/2010 | 3422 | Archway Ironmongery | Rollers and holders | €20.02 |
| 22/10/2010 | 3423 | J & S Ironmongery | Silicone glude, rowbolts, chain | €12.61 |
| 22/10/2010 | 3424 | Archway Ironmongery | viti, kolla, silicon u gun | €23.42 |
| 26/10/2010 | 3425 | Art Academy | black cardboard, PVA Glue, gold sheets… | €99.77 |
| 26/10/2010 | 3426 | Casapinta | Exhibition boards and spotlights | €1,500.00 |
| 28/10/2010 | 3427 | J & S Ironmongery | Pipe, brass joint, clip, silicone | €23.96 |
| 29/10/2010 | 3428 | Archway Ironmongery | Zebgha, primer, pinzell | €12.02 |
| 29/10/2010 | 3429 | Vincent Mifsud | Rope light and connections | €486.78 |
| 29/10/2010 | 3430 | Archway Ironmongery | Tie clips | €28.50 |
| 29/10/2010 | 3431 | BMV Ltd | Electric Cables | €71.91 |

**Total:** **€5,048.09**